StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM***
**u TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009**
Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Il-Ħames Sena  STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI)  ĦIN: Siegħa u Tliet Kwarti**

**Isem:** ______________________________  **Klassi:** ____________

**Taqsima A**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet **kollha** li ġejjin:

1. Xi tfisser għalik il-kelma *devjanti*? (2 marki)

2. Agħti **TLIET** eżempji minn Malta ta' Għaqdiet mhux governattivi. (3 marki)

3. Liema huma t-tliet setturi ekonomiċi li wieħed normalment isib f'pajjiż? (3 marki)

4. X'inhi familja estiża u familja nukleari? (2 marki)

5. Agħti **TLIET** eżempji ta' pajjiżi tat-Tielet Dinja. (3 marki)

6. X'nifhmu bil-kelma *trade union*? (marka)

7. Eżempju ta' aġent primarju fil-proċess ta' soċjalizzazzjoni tagħna hija l-iskola. Veru/Falz. (marka)

8. F'liema sena Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea? Semmi żvilupp importanti li seħħ f'Malta fl-1 ta' Jannar 2008 b'rabta mal-UE. (3 marki)

9. Semmi **ŻEWĠ** eżempji kif il-Kunsill Lokali tiegħek jista' jgħin biex l-ambjent naturali u/jew storiku jinżamm fi stat tajjeb. (2 marki)

**Total: 20 marka**

**Taqsima B**

Aqra din is-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet **kollha** li jsegwu.

*Il-popolazzjoni dinjija tlaħħaq mas-6.5 biljun persuna. Insibu li*

- *852 miljun jgħixu f'faqar estrem.*
- *24,000 imutu kuljum kawża tal-ġuħ jew minn kawżi relatati mal-ġuħ. Tliet kwarti minnhom huma tfal taħt il-ħames snin.*
- *640 miljun tifel u tifla m'għandhomx fejn joqogħdu.*
- *400 miljun tifel u tifla m'għandhomx aċċess għal ilma nadif.*
- *90 miljun tifel u tifla huma neqsin mill-ikel.*
- *5 biljun persuna mill-popolazzjoni dinjija jgħixu fil-pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*Madankollu meta jiltaqgħu l-kapijiet tal-pajjizi tal-G8, li huma dawk il-pajjiżi li ekonomija b'saħħitha, ftit li xejn joffru inċentivi biex inaqqsu l-faqar fid-dinja. Fil-fatt is protesti kontra dawn il-pajjiżi waqt dawn il-laqgħat.*

*Fis-2000 il-Ġnus Magħquda nidiet l-Għanijiet tal-Millenju biex sal-2015 jittaffew dawn il problemi.*

*Skond il-Bank Dinji hawn aktar nies li qed jgħixu fil-faqar milli wieħed jaħseb. Dan għaliex il-'poverty line' huwa dak meqjus ta' 1.25 dollaru kuljum. Huwa stmat li 1.6 miljun peruna qed jgħixu fuq anqas minn hekk.*

**Mistoqsijiet**

1. Semmi **ERBA'** pajjiżi li jiffurmaw parti mill-G8. (4 marki)

2. Agħti ŻEWĠ raġunijiet għaliex għadhom jeżistu tant bnedmin fid-dinja li jgħixu f'faqar estrem. (4 marki)

3. Semmi TLIET effetti li jistgħu ibatu minnhom ħafna nies fid-dinja bħala riżultat ta' nuqqas ta' aċċess għal ilma nadif. (6 marki)

4. X'inhi l-Ġnus Magħquda? (5 marki)

5. Agħti TLIET eżempji ta' kif l-aktar pajjiżi żviluppati tad-dinja jistgħu jgħinu biex jitnaqqas il-faqar. (6 marki)

6. X'inhu l-Bank Dinji? (5 marki)

**Total: 30 marka**

**Taqsima Ċ**

Aqra din is-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet **kollha** li jsegwu:

*Il-welfare soċjali huwa programm li jfittex li jagħti l-inqas livell ta' dħul, servizz jew appoġġ ieħor lil gruppi ta' nies żvantaġġjati bħalma huma l-fqar, l-anzjani, u persuni b'diżabbiltà. Il-programmi ta' welfare soċjali jiġu organizzati mill-gvern kif ukoll minn għaqdiet mhux governattivi (NGO's). Il-ħlasijiet għall-welfare soċjali normalment isiru permezz tat-taxxi diretti jew indiretti li jħallas għalihom il-poplu jew minn benefatturi. Il-ħlasijiet għall-welfare jistgħu jkunu fil-forma ta' trasferimenti (bħal, saħħa u servizzi tal-kura) jew fi flus.*

*L-Istati li jipprovdu programmi ta' welfare soċjali huma magħrufa bħala li għandhom welfare state. F'dawn il-pajjiżi, l-aċċess għas-servizzi għal welfare soċjali jitqies bħala dritt bażiku b'mod partikolari għal dawk li huma l-aktar fil-bżonn. F'ħafna każijiet dawn jitqiesu wkoll bħala drittijiet naturali, u fil-fatt dik il-pożizzjoni hija msaħħa bil-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet Soċjali u Ekonomiċi u trattati oħra.*

**Mistoqsijiet**

1. Semmi **ŻEWĠ** servizzi li l-Gvern Malti jipprovdi għaċ-ċittadini tiegħu bħala parti mill-programmi ta' *welfare* soċjali. (4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' benefiċċji soċjali li l-Gvern jipprovdi permezz tat-taxxi ... inħallsu.

3. X'tifhem bl-espressjoni *dritt bażiku*? Agħti **ŻEWĠ** eżempji. (4 ma...

4. Spjega x'inhu *welfare state*? Għid għaliex huwa importanti li f'pajjiż ikun hemm *welfare state*. (4 marki)

5. X'inhuma taxxi diretti u indiretti? Agħti eżempju **WIEĦED** ta' taxxa diretta u eżempju **WIEĦED** ta' taxxa indiretta. (4 marki)

**Total: 20 marka**

**Taqsima D**

Ikteb madwar 200 kelma fuq **WIEĦED** minn dawn:

1. Semmi organizzazzjoni internazzjonali li tippromwovi l-paċi fid-dinja. Iddeskrivi kif taħdem din l-organizzazzjoni biex tilħaq dan il-għan.

2. Il-bniedem fis-soċjetà tal-lum jiddependi ħafna fuq il-kompjuter u l-internet. X'vantaġġi u żvantaġġi ġġib magħha d-dinja tal-informatika għaż-żgħażagħ fil-ħajja tal-lum?

3. Ħafna persuni fid-dinja jiddeċiedu li jaħarbu minn pajjiżhom bit-tama li jsibu ħajja aħjar x'imkien ieħor. Semmi u spjega billi tagħti eżempji kif il-miġja ta' ħafna barranin f'pajjiżna f'dawn l-aħħar snin tista' tgħin jew toħloq ċerti pressjonijiet fuq is-soċjetà Maltija.

**Total: 30 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers